**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Eman Hayman)**

**vs**

**Andrew Galea**

**Kumpilazzjoni Numru: 335/2021**

**Illum l-01 ta' April 2025**

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi miġjuba kontra:

**Andrew Galea** ta' 32 sena, iben Andrew u Alfreda nee' Bezzina li twieled gewwa Pieta` nhar is-28/11/1988, idikjarat li jirrisjedi gewwa l-indirizz Blk L, Flat 5, Triq Giovanni Barbara, Hamrun u detentur tal-Karta ta' l-indentita 544588M,

**Akkuzat** talli nhar is-25 ta' Mejju, 2021 ghall-habta ta' 23:30hrs u fil-

granet u/jew gimghat u/jew xhur ta' qabel izda mhux aktar mid-data tat-12 t'April, 2021 gewwa l-Hamrun u diversi positijiet gewwa dawn il-gzejjer b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li kliem maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

1. Ikkaguna lil ommu **Alfreda Galea,** fastidju meta gab ruhu b'mod li missu kien jaf li kien qed ikun tali;

2. Ikkaguna lil ommu **Alfreda Galea,** biza' li se tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta` taghha;

3. Insulenta, hedded jew ingurja bi kliem jew b'mod iehor lil **Alfred Galea;**

4. Ghamel ingurji jew theddid mhux imsemmijja band'ohra fil-kodici kriminali lil **Alfreda Galea** jew, jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni;

5. Kellu fil-pussess tieghu d-droga erojina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx b'licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif

sussegwentament emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li tohrog ordni ta' protezjoni, inkluza fil-mori tal-kawza kontra **Andrew Galea** a beneficju ta' **Alfreda Galea** u 'l-familjari taghha u dan fit-termini tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li jekk jidhrilha xieraq tordna ordni ta' trattament skond Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Il-Qorti giet mitluba wkoll f'kaz ta' htija, sabiex tipprovdi ghas-sigurta ta' **Alfreda Galea** jew sabiex tinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabli ghar-reat, torbot lil **Andrew Galea** billi tapplika l-Artikoli 382A et sequitur tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, .ghal zmien li thoss xieraq

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta[1].

Rat li l-imputat wiegeb mhux hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu meta gie imressaq b'arrest quddiem il-Qorti nhar it-28 ta' Mejju 2021.[2]

Rat il-fedina penali tal-imputat prezentata in atti mill-prosekuzzjoni[3].

[1] Folio 1 u 2 tal-process.
[2] Folio 7 tal-process.
[3] Folio 11 tal-process.

Rat l-istqarrija tal-imputat prezentata in atti a folio 23 tal-process.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.[4]

Rat ukoll li l-imputat ma oggezzjonax u ta l-kunsens tieghu biex jigi iggudikat minn din il-Qorti[5].

Rat in-nota tal-Bord tar-Rijabilitazzjoni ta' Persuni li nqabdu bid-Droga.[6]

Semghet it-trattazzjonijiet tal-partijiet[7].

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Semghet ix-xhieda.

Rat u qieset id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Semghet is-sottomissjonijiet finali tal-partijiet.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

**Il-Fatti fil-Qosor.**

Il-kaz in ezami jirrelata incidenti fejn l-imputat qed jigi akkuzat li ta fastidju lil ommu Alfreda Galea, insulentaha, heddida u ingurjaha u permezz tal-imgieba tieghu fil-25 ta' Mejju 2021 u fil-granet u/jew gimghat u xhur ta'

[4] Folio 8 tal-process.
[5] Folio 7 tal-process.
[6] Folio 106 u 108 tal-process.
[7] Folio 117 tal-process.

qabel u dan sat-12 ta' April 2021 f'dawn il-Gzejjer il-vittma bdiet tibza' li ser tintuza vjolenza kontriha.

L-imputat qed jigi akkuzat ukoll li fl-istess perjodu kien fil-pussess ta' droga in vjolazzjoni tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Provi:**

Xehdet **Alfreda Galea** nhar it-2 ta' Gunju 2021 fejn ikkonfermat li hija tigi omm l-imputat u wara li debitament imwissija skond il-ligi ghazlet li tixhed.[8] Hija spjegat li fil-25 ta' Mejju kien mis-Sibt ghal Hadd u l-imputat kien fil-kamra tieghu u talabha xi flus biex jixtri l-imbarazz. Ghaddew xi saghtejn u kienet rieqda u rega' qajjimha u inhasdet. Tghid li kien ilu sejjer hekk u kien Mount Carmel u hafrulu. Jghid li hija kienet ma tiflahx u xorta stressjaha. Tghid li jitlobha l-flus kuljum precett. Qalet li kien sejjer il-Caritas il-gimgha ta' wara u marret taghmel rapport. Tghid li hu ma jhallihiex bil-kwiet u jrid il-flus kuljum. Tghid li hadilha hafna flus. Issostni li bdiet tikbi u ddecidiet li ma tahfirlux aktar. Tghid li taghtih il-flus biex jiehu d-droga tant jippressaha, qisu jheddidha. Hija ghaddejja minn "depression" qawwija. Tghid li hija marida minnha u Andrew gabha "total loss". Tghid li ma tixtieqlux il-habs imma ghandu bzonn programm. Tghid li hu gieli qalilha li jpattijielha pero' qatt ma kien vjolenti. Tghid li hija tixtieq li jmur ghall-ghajnuna. Tghid li ghamlet rapport pero' ilu. Tissokta tghid li taghtu bejn erba' mitt Ewro (€400) u hames mitt Ewro (€500) kull erba' jew hames gimghat. Tghid ghalkemm ma kienx vjolenti kien jaghtiha hafna terturi. Kien jidghi. Meta jiehu d-droga joqghod kwiet u meta tispiccalu jerga' jibda. Tghid li din ir-rutina ilha sejra minn Jannar 2021.

[8] Folio 31 tal-process.

Xehed l-i**Spettur Eman Hayman** nhar l-14 ta' Gunju 2021 fejn qal li l-vittma kienet ghamlet diversi rapporti lill-pulziija li kollha sehhew mill-imputat fil-fond fejn tghix.[9] Jghid li Andrew kien dejjem jitlob l-flus lil ommu u din it-talba kienet dejjem qed izzid u ma kinitx qed tlahhaq mieghu. Hu jispjega li l-imputat kien joqghod jeqred u jittallab il-flus minn ghand ommu. Hija kienet qed tibza' minnu. Jghid li hu arresta lill-imputat u ikkonferma l-verzjoni ta' ommu imma dehrlu li din ma kinitx qed tibza' minnu. Qal li l-imputat la kellu flus u lanqas post alternattiv fejn jghix.

Xehdet **Dr. Marisa Mifsud** nhar il-25 ta' Gunju 2021 fejn ezebiet it-traskrizzjoni tal-istqarrija tal-imputat.[10]

Fl-istqarrija jghid li huwa ma jahdimx u ghandu tnejn u tletin sena u li kien hareg minn programm f'Dicembru. Jghid li r-relazzjoni ma' ommu mhux tajba ghax jitlobha l-flus. Jghid li hu talab il-flus lil ommu u wara kellu cekk u lil ommu taha l-flus lura.[11] Jammetti li l-flus iridhom minhabba d-droga. Jghid li taha mitejn u ta mija u ghoxrin lil missieru. Jghid li hu qatt ma gie square, hallas parti minnu. Jghid li hu ghandu tifel. Jghid li hu qatt ma kien aggressiv lejn ommu. Jghid li hu dejjem talab. Jghid li qatt ma indahal haddiehor meta eskalaw l-affarijiet bejnu u bejn ommu.[12]

Xehed **Andrew Galea** nhar id-9 ta' Lulju 2021. Jghid li hu ghamel ghaxar (10) snin "clean" u kien f'relazzjoni. Jghid li ghamel programm fl-2008 u qaghad nadif mid-droga.[13] Jispjega kif kien qed jghix f'dawn l-ghaxar snin. Jghid li meta hassar minn mat-tfajla u rega' waqa' ghad-droga kien dizappunt

[9] Folio 47 tal-process.
[10] Folio 53 tal-process.
[11] Folio 60 tal-process.
[12] Folio 63 – 64 tal-process.
[13] Folio 71 tal-process.

ghalihom. Isostni li gol-habs sab l-ghajnuna. Jichad li kien jikkawza xi biza' lil ommu. Jghid li l-flus dejjem irritornahom lura.[14] Kien jitlobha u wara iroddhom lura. Qatt ma kellimha hazin. Jghid li l-problema tieghu mhux id-droga imma il-lifestyle. Jispjega kif telaq mit-tieni programm. Jghid li ilu xahrejn - tlett xhur jabbuza mid-droga. Jghid li kellu guilt feeling u bdiet id-dipendenza. Jghid li ma' ommu jitkellem kuljum.

Kontro-ezaminat jghid li ilu xaghrejn u nofs jabbuza mid-droga.[15]

Xehdet **Alfreda Galea** nhar it-23 ta' Lulju 2021 fejn qalet li tixtiequ jigi d-dar u forsi jsib xoghol u li jaghmel l-ghalmu tieghu.[16]

Xehdet **Maria Caruana** nhar it-22 ta' Marzu 2023 fejn tghid li qieghed fl-ahhar fazi tal-programm tal-OASI. Tghid li ser jerga' jsir missier ghat-tieni darba.[17]

**Ikkunsidrat:**

L-akkuzi migjuba mill-prosekuzzjoni jirrigwardaw fastidju u biza' li tintuza vjolenza fuq ommu, ossija Alfreda Galea u dan fil-25 ta' Mejju 2021 fil-granet, gimghat u xhur ta' qabel gewwa l-Hamrun u f'diversi postijiet ohra f'dawn il-gzejjer. L-artikoli relavanti tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta huma s-segwenti:

***251A. (1) Persuna li:***

[14] Folio 72 tal-process.
[15] Folio 79 tal-process.
[16] Folio 82 tal-process.
[17] Folio102 tal-process.

*(a) iġġib ruħha b'mod li tagħti fastidju lil persuna oħra; jew*

*(b) iġġib ruħha b'mod li tkun taf jew ikun imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju għal dik il-persuna;*

……………………………………………………………………………………
……………………………………………………………

*(2) Għall-fini ta' dan l-artikolu, persuna li tkun qiegħda ġġib ruħha b'mod dubjuż imissha tkun taf li dik l-imġiba tammonta għal fastidju ta' persuna oħra jekk fil-qies ta' persuna raġonevoli li jkollha l-istess informazzjoni din kienet kieku taħseb li dik l-imġieba kienet tammonta għall-fastidju tal-persuna l-oħra.*

*(3) Persuna akkużata b'reat taħt dan l-artikolu tista' ġġib prova li:*

*(a) l-imġieba tagħha kienet dovuta bl-iskop li timpedixxi jew tikxef xi delitt; jew*

*(b) l-imġieba tagħha kienet dovuta taħt xi liġi, regolament jew regola, jew biex tikkonforma ruħha ma' xi kondizzjoni jew ħtieġa imposta minn xi persuna taħt xi liġi; jew*

*(ċ) fiċ-ċirkostanzi partikolari dik l-imġieba kienet waħda raġonevoli.*

*(4) Persuna misjuba ħatja ta' reat taħt dan l-artikolu tista' teħel il-piena ta' priġunerija għal żmien minn sitt xhur sa sentejn jew multa ta' mhux inqas minn ħamest elef ewro (€5,000) u mhux iżjed minn għaxart elef ewro (€10,000), jew dik il-multa u priġunerija flimkien:*

***Iżda l-piena għandha tiżdied bi grad wieħed meta r-reat isir kontra xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1)[18].***

Il-Qorti ma tarax ghalfejn ma ghandhiex temmen lill-vittma ossija omm l-akkuzat. Alfreda Galea kienet carissima f'dak li irrapurtat u xehdet dwaru quddiem din il-Qorti. Bl-imgieba tieghu matul il-granet u gimghat qabel il-25 ta' Mejju 2021 huwa holqilha kemm fastidju kif ukoll biza' li setghet tintuza vjolenza fuqha. Mill-assjem tal-komportament tal-imputat jirrizulta kemm il-fastidju kif ukoll il-biza'. It-talba ghal flus, tisbit u dagha kolla jwasslu biex il-vittma tkun fastidjata u tibza' meta fic-cirkostanzi tal-kaz l-vittma kienet waheda god-dar, xi uhud mid-drabi l-vjolenza u l-fastidju kien bil-lejl u dan sehh diversi drabi minn persuna li mkienet mahkuma mill-vizzju qerriedi tad-droga.

B' hekk il-Qorti tqis li l-ewwel akkuza tirrizulta.

**Ikkunsidrat:**

Il-prosekuzzjoni tikkontendi fit-tielet akkuza ukoll li bl-agir tieghu l-imputat ghandu jinstab hati taht l-artikoli 251B.

Il-Qorti tfakkar li l-Prosekuzzjoni trid tipprova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni tlett elementi biex dan ir-reat jigi ippruvat, ossija li:

1. L-imgieba ta' imputat tkun tali li
2. Permezz taghha huwa jikkaguna lil haddiehor

[18] Minghajr dubbju il-vittma kienet konjug- tal-imputat ghax ma jirrizultax li kienu isseparaw fil-gurnata tal-incident. Aluta l-artikolu 222(1)(a) ghandu japplika f' dan il-kaz.

3. Biza' li ser tintuza vjolenza kontra l-persuna jew propjeta' tieghu jew ta' persuni qrib tieghu skont kif imfisser.

Barra minn dan **tali imgieba trid tkun mifruxa fuq aktar minn okkazzjoni wahda.** Incident wahdieni maghmul f'okkazzjoni wahda mhix bizzejjed biex jissussisti dan ir-reat. Irid ikun hemm aktar minn episodju wiehed mifrux fuq aktar minn okkazzjoni wahda u li turi repetizzjoni. Dan hu kjarament dak li qalu l-Qrati tal-Appell taghna fil-kazijiet segwenti:

**Il-Pulizija vs Alex Caruana Carabez[19]; Il-Pulizija vs Massimo Trivisin[20], Il-Pulizija vs Raymond Parnis[21], Il-Pulizija vs Julian Genovese[22], Il-Pulizija vs Joseph Buhagiar[23], Il-Pulizija vs Brian Micallef [24]u Il-Pulizija vs Deemer Tabone[25]** fost numru ta' kazijiet ohra.

Biex jirrizulta r-reat taht l-artikolu 251B, ghalhekk, l-ligi tesigi li jkun hemm *course of conduct* ghall-esistenza ta' tali reat. Il-Qorti tqis illi fil-kaz in ezami dan jirrizulta ampjament u din il-Qorti ma ghandhiex ghalfejn izzid ma' dak li diga' intqal precedentament.

B'hekk l-imputat ser jinstab hati ukoll tat-tieni akkuza.

**Ikkunsidrat:**

[19] Deciza fil-21 ta' Gunju 2007.
[20] Deciza fis-27 ta' Frar, 2009.
[21] Deciza fl-24 ta' April, 2009.
[22] Deciza fit-12 ta' Awwissu 2010.
[23] Deciza fl-24 ta' Jannar 2011.
[24] Deciza fl-14 ta' Ottubru 2011.
[25] Deciza fl-15 ta' Lulju 2016.

It-tielet u r-raba akkuzi huma ta' natura kontravenzjonali in relazzjoni ma' insulti, theddid u ingurja. Il-Qorti tqis li dawn ukoll jirrizultaw pero' qed tassorbihom fl-akkuzi numri wiehed (1) u tnejn (2)

**Ikkunsidrat:**

Dwar il-hames akkuza, ossija il-pussess tad-droga eroijna il-Qorti tinsab perplessa dwar din l-akkuza ghax ghalkemm l-akkuzat fl-istqarrija tieghu, u b'mod partikolari a folio 59, jammetti li huwa jabbuza mid-droga huwa qatt ma jsemmi li l-abbuz isir mill-erojina. Il-Qorti ma tista' tassumi xejn u peress li l-akkuza kif dedotta titkellem fuq tip partikolari ta' sustanza wiehed ma jistax bl-ebda mod isib htija ladarba mill-atti processwali wiehed ma jistax jiddecifra x'tip ta' sustanza kienet fil-pussess tal-imputat u x'tip ta' sustanza kien qed jabbuza minnha. Ma ngabet l-ebda prova li l-imputat kien qed jabbuza mid-droga erojina u ghalhekk l-akkuza kif dedotta ma tistax tirrizulta.

Ghaldaqstant, il-Qorti ser tkun qed tillibera lill-imputat mill-hames akkuza.

**Ikkunsidrat:**

Dwar il-piena din il-Qorti rat il-fedina penali tal-imputat li hija wahda nettissima, kif ukoll ix-xewqa tal-omm li trid il-gid ta' binha. Rat ukoll l-isforz tal-imputat biex jerga' jibda jkompli miexi fit-triq it-tajba u ghalkemm ghandha certa riservi peress li ghadu jmur id-Detox wara dawn is-snin kollha xorta wahda lesta li tghinu biex ma jitharbatx, issa li hu missier ta' zewg ulied.

B'hekk il-Qorti tqis illi piena karcerarja effettiva mhix idonea fic-cirkustanzi ta' dan il-kaz.

**Decide:**

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-raunijiet, il-Qorti wara li rat l-artikoli 251A, 251H, 251HA, 222(1), 251B, 338(bb), 339(1)(d) u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll l-artikolu 9 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib l-imputat **ANDREW GALEA HATI** tal-ewwel (1), tat-tieni (2), tat-tielet (3) u tar-raba (4) akkuza b'dana illi t-tielet (3) u r-raba (4) akkuza qed ikunu assorbiti fl-ewwel zewg akkuzi filwaqt illi qed issib lill-imputat qed **ANDREW GALEA MHUX HATI** tal-hames (5) akkuza, u ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin mil-lum.

Barra minn dan il-Qorti qeghda tpoggi lill-imputat taht Ordni tat-Trattament ghal perjodu ta' tlett snin mil-lum ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti qeghda ukoll torbot lill-hati b'obbligazzjoni taht l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta a favur tal-vittma Alfred Galea ghal zmien sena mil-lum u dan taht penali ta' elf Ewro (€1,000).

U ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed tikkundanna lill-hati Andrew Galean jhallas l-ispejjez peritali fl-ammont ta' wiehed u tletin Ewro u erbgha u sittin centezmu (€31.64c) u dan b'mod immedjat.[26]

[26] Liema spejjez jirrizultaw mill-kont fuq in-naha ta' wara ta' folio 68 tal-process.

Il-Qorti spjegat din is-sentenza lill-hati fi kliem car u semplici, l-obbligi tieghu taht l-istess u l-konsegwenzi f'kaz illi huwa ma jonorax l-istess u ma ma jottemperax ruh ma' din is-sentenza.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tinghata lill-partijiet u li kopja tal-imsemmija sentenza titpogga fuq is-sistema online tal-Qrati minnufih.

Moghtija, llum l-01 t'April 2025, fil-bini tal-Qorti, f'Malta.

Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.

Magistrat

Annalise Mifsud

Deputat Registratur